# Kunsill Lokali Gżira

25 ta' Mejju 2021

**Ref Nru. 31/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 31/2021 li saret it-Tlieta 25 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Itaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5pm.

**Preżenti**

Disa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Jessica Borg, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Shaun Farrugia u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Hadt ma kien skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareg fl- 21 ta' Mejju 2021

**31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

31.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**31.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 27 ta' April 2021, ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

31.2.2 Il-Kunsilliera Jeremy Cardona, Hugh Caruana, Shaun Farrugia u Jessica Borg staqarrew li il-minuti mhux ħa japprovawhom għaliex ma kienux preżenti fil-laqgha u ghaliex kemm l-għagenda kif ukoll il-minuti intbaghtu ġurnata qabel il-laqgha.

31.2.3 Paġna Nru.3 para 30.2.2 – Scaffolfing mingħajr permissi. – Il-Kunsillier N.Chetcuti reġa semmgħa il-problema ta' l-iscaffoldings, fejn s-Sindku qal li se jieħu ħsieb hu din is-sitwazzjoni għaliex s'issa kull tentattiv li sar ma ta' l-ebda riżultat mistenni.

31.2.4 Paġna Nru.3 para 30.2.3 – Karozzi Abbandunati – Il- Kunsillier N.Chetcuti qal li sar ċaqliq fuq din il-kwistjoni, u ġa kien hemm numru ta' karozzi abbandunati li tneħħew.

31.2.4 Paġna Nru.3 para 30.2.4 – Laqgħa mal-Kappillan – Il-Laqgħa mal-Kappillan għaddha ma saritx u reġat giet posposta.

31.2.5 Paġna Nru.3 para 30.2.6 - Pjazza Meme Scicluna – Il-Kusillier N.Cetchuti saqsa għal-aġġornament dwar il-progett ta Pjazza Meme Scicluna. Is-Sindku informa lil-Kunsill li l-laqgħa ma' St Properties (Stivala) saret, fejn gie diskuss il-proġett. Fid-diskussjoni St.Properties ingħataw il-BOQ u qablu li l-proġett jiġi jffinanzjat mil-fondi tal-UDF mogħtija minnu fuq proġetti privat tieghu. Għandhom isiru iktar taħdidiet.

31.2.6 Paġna Nru.3 para 30.2.7 – Tower Crane ta' Belvedere – Il-Kunsiller N.Cetchuti semmgha li preżentement dan il-crane qieghed bla permess. Semmgha ukoll li izzarmaw zewġ cranes oħra nhar ta' sibts f'daqqa. Is-Sindku qal li l-aħjar ġurnata biex jizzawmaw cranes hija s-sibt ghaliex toħloq inqas konġestjoni fit-torow, biss qabel li mhuiex lok li jizzarmaw tnejn f'daqqa.

31.2.7 Paġna Nru.2 para 30.2.7a – Public Convenience –Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li hemm xi spejjez li jridu jsiru ta' manutenzjoni. Dan l-argument ġie diskuss fil-fond iktar tard fil-laqgħa.

31.2.8 Paġna Nru.5 para 30.6.1 – Gbir ta' l-Iskart – Il-Kunsillier S.Farruguia semmha li meta inbidlu il-ħinijiet tal-gbir ta' liskart, il-Kunsill kellu jinforma lil pubbliku. Is-Sindku qal li l-problema ta' l-iskart qeda tikber iktar ma tmur, ghaldaqstant issuġġerixxa li jintbghat brochure bil-ħinijietu l-ġranet tal-gbir, kif ukoll bil-multi skont il-ligi.

31.2.9 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 30 jiġu approvati. Il-kunsillier R.Mangion ssekondaħ.

**31.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

31.3.1 Mobile Toilets - Kull sena waqt ix-xhur tas-sajf jiġu provduti Mobile Toilet ix-Xatt tal-Ġzira, għaldaqstant l-Aġent Segretarju Eżekuttiv talbet lil Kunsill biex japprovhom għal staġun ieħor. Issemmghħa ukoll li darba kienu sara ukoll il-ġnien. Il-Kunsill iddiskuta u iddecida li mill-ewwel ta' Lulju il-Kunsill qabel li jagħmel il-Mobile toilet kemm fil-ġnien kif ukoll ix-xatt.

31.3.2 Il-Kunsill approva il-quote ta' Maltapost sabiex jintbagħtu il-Petitions tal-pompa tal-petrol fil-Lokalitajiet: Sliema, Ta'Xbiex u Msida.

31.3.3 Manutenzjoni tal-Public Convenience – L-Agent Segretarju Eżekuttiv ipprezentat quote biex jitrangaw xi uħud mil-affarijiet fil-Public Convenience. Madanakollu il-Kunsill ma qabilx li tintefaq din l-ispiża għaliex fi ftit żmien sa jerġa jkun hemm il-ħsarat. Għaldqastant il-Kunsill ikkonkluda li jaghlaq il-Public Convenince u jibdew ix-xogholijiet ta restawr li kienu pjanati. Il-Kunsill iddecida ukoll li jipprovdi Mobile Toilet gġal pubblika tul iż-żmien kollu li l-letrina sa tkun magħluqa. Hawn l- Agent Segretarju Eżekuttiv semmiet li la darba il-letrina ħa tinghalaq, is-servizz ta' tindif mhux ser jiġi provdut, allura il-paġament ta' kull xahar jieqaf. Din trid tiġi diskussa mal-kuntrattur.

31.3.4 Intervent ta' L-Istaff – L- Agent Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-Kunsill kien qabel li kull tliet xhur l-istaff jiġi mistieden jahmel l-Intervent tieghu, għaldqastant dan ser isir il-laqgħa li jmiss u ser jiddaħħal fl-Aġenda. L-Intervent ma għandux jieħu iktar minn nofs siegħa.

31.3.5 Ġbir ta' L-iskart – Waqt id-diskussjoi dahlet l-informażżjoni li l-iskart qed jinġabar qabel u qed jiġbor il-boroż u jintefaw piles fil-kantunieri. Dan qed joħloq precedent. Il-Kunsill qabel li jkellem lil-Kuntrattur u jerġa jibda is-sistema li jinġabru il-boroż bieb bieb mat-trakk.

**31.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

31.4.1 **Kunsillier S.Farrugia :** Il-Kunsillier semmgħa li triq partikolari kienet maluqgħa bil-permess tal-Kunsill imma ma kellux ufficjal prezenti. Dan qed joħloq preċedent fejn il-Kunsill qabel li għal ebda raguni ma' joħroġ permess mingħajr ma jkun hemm ufficjal presenti. Issemgħa ukoll li is-sistema qeda ħażina għaliex kuntrattur ma jistax jaħdem fuq disponibilita ta ufficjal mhux qabel tliet ġimgħat qabel. Għaldaqstant is-Sindku issuġġerixxa li jiġu ingaggati security guard għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li imexxi b'din l-inizzjativa.

**31.5 Rapporti**

31.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti sabiex jiġu diskussi.

**31.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

31.6.1 Parkegg fil-lokalita – Is-Sindku semmgha li b'suġġeriment tal-bank tiġi utilizzata l-art tal-baruni u tiġi utilizzata bħala parking. Dan għadu ħsieb, għaldaqstant is-Sindku ħa jiġbor iktar informazzjoni kif dan l-idea tista tinħadem. Ġew diskussi possibiltajiet oħra ta' parkeġġ alternattiv fil-lokalita, forthom il-possibilta li titmexxa s-siġra tal-Housing Estate biex jinħoloq iktar parkeġġ. Jekk tittieħed din id-decizjoni hemm certu spejjeż li jridu jiġu ikkunsidrati. Il-Vici Sindku R.Mangion għandu jagħti update fuqa il-laqgħa li jmiss.

**31.7 Rapport ta' Ħidma 2022**

31.7.1 Il-Kunsill qabel li ir-rapporti għandhom jiġu diskussi waqt laqgħa specifika, għaldaqstant ġie deciż li l-laqgħa sar issir nahr it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2020

**31.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

31.8.1 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-pagamenti tal-Librara. L- Agent Segretarju Eżekuttiv spjeġat ir-rata fis-siegħa tal-Librara tiġi stabbilita mil-Malta Libraries, fejn dan jagħtuna refund ta' certu siegħa. Is-Segretaria għanda tati rapport fil-laqgħa li jmiss.

31.8.2 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-pagament talPKF, fejn is-Sindku spejaga li da huwa il-kuntratt ta l-Accountant u il-pagament jirreferi għax-xogħol li sar fuq il-Financial Statements 2020.

31.8.3 Il-Kunsillier H.Caruana wera il-ħsieb fuq invoice ta' Dr. Woods, apparti il-pagament fix-xahar li jithallas. Il-Laqgħa li jmiss għandu jiġi preżentat rapport. Il-Kunsill iddecida li jzomm il-pagament sakemm tinġabar l-informazzjoni mitluba.

31.8.4 Il-kunsillier H.Caruana reġa saqsa dwar il-lessons tal-Crafts, fejn is-sindku ikkonferma li għadhom isiru.

31.8.5 Il-Kunsillier H.Caruana staqsa fuq il-pagamenti imnizzla bħala Gzira Local Council li jinkludu l-Honorarja talkunsilliera u il-pagi tal-ħaddiema. Is-sindku qal li il-pagi jinħadmu skonk l-iskali tal-gvern.

31.8.6 Il-Kunsilliera J.Borg staqsiex dwar il-pagament tal-Melita. Is-Sindku iccekja ma' Fabian fejn dan ikkonfermalu li qedin inħalsu l-istess ammont pero qedin nieħdu servizz aħjar. Fil-laqgħa li jmiss Fabian jista' jagħti iktar dettalji waqt l-intervent ta' l-istaff.

31.8.7 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament ta' Joseph Theuma, fejn gie ikkonfermat li dan hu pagament ta' Steel Door għall-store tal-Kunsill fil-Housing Estate.

31.8.8 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-pagament tal-Bins. Għandu jigi rapportat xi inxtara bins u fejn twaħħlu.

31.8.7 Il-kunsillier H.Caruana ppropona li l-kumplament tal-paġamenti jiġu approvati. Il-kunsillier A.Zammit ssekondaħ.

**31.9 Mozzjonijiet**

31.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

Il-Kunsill ingħaqad billi jsellem il memorja ta' missier il- Kunsillier A.Zammit u tah l-għomor.

**31.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

31.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-habta ta' 8.05pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-it-Tnejn 28 ta’Gunju fil-5pm.

Konfermati, illum 28 ta’ Ġunju 2021.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv